MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Numru 990/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**
**vs**

**MARY CAUCHI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Mary Cauchi ta’ 65 sena, mart Paul, bint il-mejjet Joseph Tabone u Margherita nee’ Pace, imwielda Zejtun fi 2 ta’ Ottubru 1945, u residenti fi 32, Pama, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Zejtun. Detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 825045M.

Billi giet akkuzata talli:

Fil-25 ta’ Mejju 1999 u f’dati ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, approprjat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ l-fuq minn Lm 2000, liema somma giet fdata jew ikkunnsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat. Dan ghad-dannu ta’ l-ahwa Alfred Tabone, Carmelo Tabone u John Tabone miz-Zejtun. Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. EMC3 u nnutat li l-imputata Mary Cauchi m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.
Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet trattazzjoni.

Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li dan il-kaz jirrigwarda allegata kommissjoni mill-imputata Mary Cauchi tar-reat ta’ approprjazzjoni indebita fil-25 ta’ Mejju 1999 u f’dati ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda billi approprjat ruhha billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ l-fuq minn Lm 2000, liema somma giet fdata jew ikkunnsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat. Dan ghad-dannu ta’ l-ahwa Alfred Tabone, Carmelo Tabone u John Tabone miz-Zejtun. Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-bran mid-deposizzjoni tax-xhud Alfred Tabone li fis-Seduta tal-27 ta’ Lulju, 2004, inter alia, qal: “Nghid illi missieri kien qalilna li f’dana l-kexxun kellu t-testment u kellu wkoll elf lira (Lm1,000) maghhom. Dawn l-elf lira (Lm1,000) missieri qal lilna, lil uliedu, bihom dawn u gieli ahna u anke l-

imputata rajnih dana l-elf (Lm1,000) jghoddhom lil missieri.

Ahna mbaghad konna ghidna lil ohti wara l-mewt ta' missieri, u allura qed nirreferixxi ghall-imputata ohti, dana li hi kienet hadet it-testment u allura x'kien sar mill-elf lira (Lm1,000) li missieri kien qal li kellu wkoll fl-istess kexxun. Dwar dana l-imputata kienet wegbitna li hi ma kenitx sabithom."

In kontinwazzjoni fis-Seduta tat-23 ta' Frar, 2005, l-istess xhud Alfred Tabone, inter alia, qal: "Nixtieq nghid li missieri kien qalilna li hu kien ser ihalli l-elf lira (Lm1,000) fil-kexxun ghal dak li jista' jinqala. Nixtieq nghid li jiena u anke huti l-ohra inkluzi l-imputata konna naraw lill-missieri jghodd dawn l-elf lira fis-sodda u lilna li qalilna kien li dawn l-elf lira kien ser ihalliehom testment u kien ser iqeghdhom fil-kexxun ta' l-iskrivanija inti u diehel fis-salott tad-dar taghna."

F'dan ir-rigward l-Qorti sejra taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni tal-imputata li fis-Seduta tat-13 ta' Novembru, 2009, inter alia, minn jeddha, qalet: "B'referenza ghal dak li kien iddepona x-xhud Alfred Tabone u cioe li missieri kellu elf lira (1,000) fil-kexxun ta l-iskrivanija, l-ewwel punt nixtieq nghid dana peress li kien mizzewweg kien ilu nieqes mid-dar fejn jghix missieri. F'dan l-istadju qieghda nesebixxi bhala Dok. CMA 2 deposti slip bl-ammont ta elf (1,000) lira Maltin, Qabel ma mar l-isptar il-papa kien ghamel dan id-depozitu ta' elf (1,000) lira u dana kien f'Gunju ta l-elf, disgha mija u hamsa u disghin (1995). Dan qabel ma dahal l-isptar."
Minn ezami tal-akkuza migjuba kontra l-imsemmija imputata jemergi li skond din l-akkuza l-imputata <u>approppriat ruhha billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta' l-fuq minn Lm 2000, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.</u> Dan allegatament sehh fil-25 ta' Mejju 1999 u f'dati ta' wara, f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti. Li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u ghad-dannu ta' l-

ahwa Alfred Tabone, Carmelo Tabone u John Tabone miz-Zejtun. Hawn il-Qorti tissottolinja l-fatt li din hi l-akkuza li ngiebet kontra l-imputata Mary Cauchi fil-kawza odierna.

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghall-bran mid-deposizzjoni li x-xhud Alfred Tabone taha fis-Seduta tat-23 ta’ Frar, 2005 fejn dan ix-xhud, inter alia, qal: “Nixtieq nghid illi fir-ratifika kien hemm miftiehem ma ohtna l-imputata illi hi kellha tiehu l-imghaxijiet fuq erbatax –il elf u seba mitt lira (Lm14,700) li kienu depozitati u registrati f’isem ommi fl-HSBC branch taz-Zejtun. Dak iz-zmien ommi kienet ghadha hajja. Skond ir-ratifika tan-nutar Peter P Carbonaro tal-25 ta’ Mejju ta’ l-1999 li kien hemm bhala dritt li kellha tiehu ohti l-imputata kien dan li ghadni kif semmejt u cioe’ li tiehu dawn l-interessi. Ukoll maghhom tiehu l-interessi fuq elfejn lira (Lm2,000) li kienu mislufin mill-papa lill-hija Carmelo u dawn kienu bit-3%. Dan bhala interessi jigu sittin lira fis-sena (Lm60). B’dan illi ohti l-imputata kellha tiehu minn dawn is-sittin lira (Lm60), hamsin lira (Lm50), l-ghaxar liri (Lm10) rimanenti kellha tiddepozitahom l-bank. Din l-ghaxar liri (Lm10) kellha tiddepozitaha fis-savings ta’ ommi biex imbaghad dawn jinqasmu bejnietna. Pero’ nghid illi l-imputata is-sittin lira kienet qeghda izzommhom kollha u qatt ma ddepozitat din l-ghaxar liri. Nghid illi inoltre l-imputata hadet l-imghaxijiet kollha inkluzi dawk ta’ missieri avolja dan kien mejjet. Inzid nghid li skond din ir-ratifika tan-nutar Carbonaro hemm fis-savings ta’ ommi hemm il-kapital ta’ elfejn, mija u tmien liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2,108.25) illi dawn sas-sena 2001 l-imputata halliet biss depozitati wiehed u hamsin lira u dsatax-il centezmu (Lm51.19).”

Hawn il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-Dok CMA31 (ftehim datat 25 ta’ Mejju, 1999) liema dokument gie esebit mill-imputata fis-Seduta tal-13 ta’ Novembru, 2009. Il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva minn ezami ta’ dan id-dokument imkien ma hemm stipulat dak li qal ix-xhud Alfred Tabone fil-bran tad-deposizzjoni tieghu hawn fuq riportata fejn semma illi ohtu l-imputata kellha tiehu minn

dawn is-sittin lira (Lm60), hamsin lira (Lm50), l-ghaxar liri (Lm10) rimanenti kellha tiddepozitahom il-bank.

Il-Qorti tirrileva ukoll li l-paragrafu 4 tal-imsemmi ftehim (Dok CMA31) jghid: "4. TINTRABAT MARY THERESE CAUCHI illi tmiss flus mill-kont kurrent li jiswa Lm2,108.25 biss f'kas illi l-interessi tal-flus destinati ghall bzonnijiet zghar kif fuq spjegat ma jservux."

Il-Qorti sejra issa ticcita is-segwenti bran mid-depozizzjoni tal-imputata (Seduta tal-13 ta' Novembru, 2009): "Qieghda nesebixxi dokumentazzjoni li jiena kont ipprezentajt wahda bhala lil Dr. Philip Manduca li turi rendikont tad-dhul u spejjes u wkoll numru ta' ricevuti. Nghid ma jkoprix l-ircevuti kollha ghaliex bicciet minnhom kienu ffejdjaw u dina d-dokumentazzjoni qieghda nesebiha bhala Dok. CMA 32."

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti hi tal-fehma li l-akkuza odierna migjuba kontra l-imputata Mary Cauchi ma gietx sufficjentement ippruvata u ghaldaqstant tillibera lill-imputata Mary Cauchi minn din l-akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------